# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar 2001**

**Numru  36**

**Citaz.  numru:  1276/94 NA**

**Emanuel Salerno**

**vs**

**Paul Grech**

**Rapport Tekniku - Nota ta' Kritika ta' l-istess**

**Il-Qorti hasset li kellha tiskarta Nota ta' Kritika minkejja li minnha awtorizzata peress illi din intuzat principalment biex isiru allegazzjonijiet ta' fatt wara li gie pprezentat ir-rapport peritali li misshom minflok tressqu bhala prova f'waqthom fil-kawza.**

**Di piu l-Qorti ma sabet l-ebda raguni valida mil-lat tekniku l-ghala kellha tiddisturba l-parir tal-Perit Tekniku f'kawza li kienet tittratta materja principalment, jekk mhux unikament, ta' natura teknika.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Ottubru 1994 fejn ippremetta:

"Illi l-konvenut gie nkarigat mill-attur bit-tqeghid ta' madum ta' l-art fil-fond "Fatima", Qrejten Street, Pieta', liema madum inxtara mill-attur;

Illi wara xi zmien dan ix-xoghol beda juri diversi difetti, u dan gie kkonfermat mic-certifikat rilaxxjat mill-A.I.C. David P. Pace fil-5 ta' Settembru 1994 fejn gie dikjarat li x-xoghol sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u li l-madum irid jinbidel (Dokument "A");

Illi, mitlub ighid x'bi hsiebu jaghmel biex jirrimedja ghad-difetti, il-konvenut insista li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti;

Illi bhala rizultat ta' dan kollu l-attur qed isofri danni konsiderevoli;

TALAB li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol ta' tqeghid ta' madum maghmul minnu fuq inkarigu ta' l-attur fil-fond "Fatima" Qrejten Street, Pieta' ma sarx skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk, stante li l-madum irid jinbidel, il-konvenut hu responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;

2. tillikwida dawn id-danni li qed isofri l-attur, okkorrendo bl-opera ta' perit nominand;

3. tikkundanna l-konvenut li jhallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tas-7 ta' Settembru 1994 u bl-imghax mid-data tas-sentenza, kontra l-konvenut."

Rat id-dikjarazzjoni gurametata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit a fol. 6 tal-process in sostenn tat-talbiet tieghu.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut fis-6 ta' Dicembru 1994 fejn eccepixxa:

1. Illi huwa ppresta opra skond l-arti w is-sengha u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-28 ta' Frar 1995 din il-Qorti, diversament presjeduta, innominat lill-A.I.C. Michaelangelo Refalo bhala Perit Tekniku.

Il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta fis-seduta tas-17 ta' April 1996 f'liema seduta gie pprezentat ir-rapport. Dan gie mahluf fis-seduta tal-20 ta' Gunju 1996, id-difensuri tal-partijiet irrimettew irwiehhom ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Settembru 1996. Minn hawn il-kawza giet zvijata mill-binarji procedurali korretti taghha anke, irid jinghad, bi zvista ta' l-istess Qorti. Effettivament is-sentenza ma inghatatx fil-25 ta' Settembru 1996 peress li ma kenitx lesta. B'rikors tat-18 ta' Ottubru 1996 il-konvenut talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u l-fakolta' li jaghmel nota ta' kritika. B'digriet tad-29 ta' Ottubru 1996 il-Qorti laqghet it-talba u, effettivament, in-nota saret fil-11 ta' Novembru 1996. Fis-seduta pero' tad-19 ta' Novembru 1996 il-Qorti giet infurmata li r-rapport kien ghadu ma giex ipprezentat u ghal xi raguni saret komunika ta' dan il-verbal lill-A.I.C. Anthony Bailey li qatt ma kien konness mal-kawza prezenti. Dawn l-izbalji gew sollevati lill-Qorti mill-attur fin-nota responsiva tieghu tas-27 ta' Dicembru 1996 fejn issolleva wkoll il-fatt illi n-nota ta' kritika ma messha qatt saret wara li l-konvenut, tramite d-difensur tieghu, kien irrimetta ruhhu ghar-rapport peritali. Finalment fis-seduta tas-17 ta' April 1997 il-kawza regghet thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:

Illi apparti mill-fatt illi l-konvenut, tramite d-difensur tieghu, kien irrimetta ruhu ghar-rapport peritali, in-nota ta' kritika tieghu ta' l-istess rapport, li giet ammessa mill-Qorti u ghalhekk ma ghandhiex tigi sfilzata, ma hija effettivament kritika xejn izda, u dan hlief ghall-punt numru 3, allegazzjonijiet ta' fatt li misshom tressqu bhala parti mill-provi tal-konvenut u mhux b'nota li ma hijiex igguramentata u li giet ipprezentata wara li gie mahluf ir-rapport. Huwa ovvju mir-rikorsi li saru mill-Perit Tekniku tul l-andament tal-kawza u cioe' dak tat-13 ta' Ottubru u 11 ta' Dicembru 1995 li huwa kien qed isib diffikulta' kbira biex jigbor il-provi tal-konvenut f'seduti li gew appozitament iffissati minnu ghal dan l-iskop. Huwa ghalhekk zgur proceduralment inammissibbli, apparti minn konsiderazzjonijiet ohra rilevati fin-nota responsiva ta' l-attur, illi l-istess konvenut jonqos milli jgib il-provi tieghu u wara li l-Perit ikun gie awtorizzat jirrelata mill-Qorti jittenta, wara l-prezentata tar-rapport, li jressaq dawk il-provi permezz ta' nota ta' kritika tar-rapport peritali.

Dan apparti pero' din il-Qorti kkunsidrat illi l-Perit Tekniku fir-rapport tieghu wara li zamm erba' seduti w ukoll zewg accessi w ikkonsidra l-provi kollha wasal ghall-konkluzzjoni illi x-xoghol tat-tqeghid ta' madum maghmul mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur fil-fond in kwistjoni "*ma sarx skond is-sengha u l-arti, u li ghalhekk, stante li l-madum irid jinbidel il-konvenut huwa responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.*" Dawn id-danni, fil-fehma tal-Perit Tekniku, kienu jammontaw ghall-Lm832.13.

Huwa kien ukoll ta' l-opinjoni illi l-konvenut "*a kuntrarju ta' dak minnu eccepit, ma pprestax opra skond l-arti w is-sengha; ghaldaqstant hija l-opinjoni ta' l-esponent illi t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.*" (fol. 37).

Illi din il-Qorti, u dan apparti minn dak li gie minnha rilevat aktar kmieni f'din is-sentenza, ma jidhrilhiex li ngabet xi raguni valida ta' natura legali jew teknika li ghandha tinduciha tiddipartixxi mill-parir tekniku lilha moghti u konsiderat illi dan il-kaz jittratta materja principalment, jekk mhux unikament teknika ghandha ghalhekk issegwi l-insenjament tal-gurisprudenza ppronunzjata mill-Qorti ta' l-Appell fil-materja:

> "*Il-Qorti trid tghid mill-ewwel illi sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta' tekniku, dan ma taghmlux.*" (Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri - "Bonett vs Lewis" - 1/3/94).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol ta' tqeghid ta' madum maghmul mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur fil-fond "Fatima", Qrejten Street, Pieta', ma sarx skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk, stante

li l-madum irid jinbidel, il-konvenut hu responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;

2. tillikwida dawn id-danni li sofra l-attur fl-ammont ta' tmien mija u tnejn u tletin lira Maltin u tlettax-il centezimu (Lm832.13);  u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat u dana bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza kif mitluba u bl-imghax legali millum.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.